IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.6.2024
COM(2024) 231 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni Ewropea u l-Monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa u ta' Orizzont 2020 fl-2023

1. SFOND

Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali mhux eżawrjenti lejn l-attivitajiet ewlenin ta' riċerka u innovazzjoni (R&I) tal-UE fl-2023 u l-monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa, Orizzont 2020 u l-programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom.

Dan ġie abbozzat f'konformità mal-Artikolu 190 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom, flimkien mal-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

2. KUNTEST POLITIKU U ŻVILUPPI TAL-POLITIKA

L-2023 kienet sena ta' bosta sfidi globali. It-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, it-tniġġis, it-trasformazzjoni diġitali, it-theddid għas-saħħa u t-tixjiħ tal-popolazzjoni wasslu għal domanda qawwija għal soluzzjonijiet ibbażati fuq ir-R&I. Il-kuntest ġeopolitiku instabbli, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ukoll influwenza t-tfassil tal-politika tar-R&I.

2.1 L-Ukrajna u s-sigurtà interna tal-UE

Il-Kummissjoni kompliet tipprovdi l-appoġġ lill-Ukrajna, b'enfasi fuq tliet objettivi ewlenin:

1. l-appoġġ għax-xjenza u għar-riċerkaturi Ukreni li jinsabu fl-Ukrajna u f'rifuġju;
2. it-tħaffif tal-isforzi tal-Ukrajna lejn l-integrazzjoni tal-UE fir-R&I;
3. il-promozzjoni tar-rwol tar-R&I fl-oqfsa politiċi u operazzjonali ewlenin biex jiġi promoss l-irkupru tal-Ukrajna.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-Faċilità tal-Ukrajna tinkludi referenzi importanti għall-bini mill-ġdid tal-infrastruttura tar-riċerka.

L-Uffiċċju ta' Orizzont Ewropa fi Kiev ġie inawgurat f'Diċembru u se jippromwovi l-opportunitajiet ta' finanzjament u jappoġġa lill-applikanti. L-avveniment serva wkoll bħala tnedija politika ta' inizjattiva ta' EUR 20 miljun biex tappoġġa l-innovaturi rivoluzzjonarji Ukreni.

Sabiex tiżdied is-sigurtà interna tal-UE, jiġu protetti l-popolazzjoni u l-infrastruttura kritika tagħha kontra t-theddid ċibernetiku u fiżiku u biex tiżdied ir-reżiljenza għad-diżastri, ittieħdu l-miżuri li ġejjin:

- l-UE fasslet l-ewwel politika strateġika pluriennali tagħha għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri għall-perjodu 2023-2027, bir-R&I bħala komponent trażversali biex tappoġġa l-miżuri bħat-twettiq ta' kontrolli fil-fruntieri;
- il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar il-mandat għal Aġenzija ġdida tal-UE dwar id-Drogi, li l-kompiti tagħha jinkludu diversi attivitajiet ta' R&I;
- il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar il-ġlieda kontra theddid potenzjali mid-droni, li tidentifika kif ir-riċerka ffinanzjata mill-UE tindirizza t-theddid mid-droni;

- il-Kummissjoni organizzat avveniment ta' riċerka dwar is-sigurtà, li laqqa' flimkien aktar minn 1 000 persuna li tfassal il-politika, riċerkatur, prattikant tas-sigurtà u rappreżentant tal-industrija biex jiddiskutu kif ir-riċerka dwar is-sigurtà tista' tagħmel l-UE aktar reżiljenti;
- il-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 ġie adottat biex jipprovdi lill-UE servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita bbażati fl-ispazju abbażi ta' attivitajiet ta' R&I;
- il-Kunsill approva l-Istrateġija għas-Sigurtà Marittima tal-UE li ġiet riveduta u l-pjan ta' azzjoni tagħha inkluż bosta azzjonijiet relatati mar-R&I li jfittxu li jindirizzaw theddid ġdid għas-sigurtà.

2.2 Awtonomija strateġika miftuħa, sigurtà ekonomika u kooperazzjoni internazzjonali tal-UE

L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika f'konformità mal-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għandha l-għan li tiżgura kemm il-ftuħ ekonomiku tal-UE kif ukoll is-salvagwardja tas-sigurtà tar-riċerka. Ir-R&I jaqdu rwol ewlieni f'kull waħda mit-tliet prijoritajiet tal-Istrateġija: il-promozzjoni, il-protezzjoni, u s-sħubija.

Promozzjoni:

L-istrateġija ta' sigurtà ekonomika tippromwovi l-kompetittività billi tinvesti f'teknoloġiji strateġiċi permezz ta' Orizzont Ewropa li huma kritiċi għas-sigurtà ekonomika, bħas-semikondutturi avvanzati u l-computing kwantistiku.

Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa pproponiet appoġġ finanzjarju għal teknoloġiji kritiċi u li tingħata spinta lir-reżiljenza tal-UE. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll Att dwar il-Materja Prima Kritika u Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, li t-tnejn jippromwovu aktar R&I fl-oqsma li se jżidu r-reżiljenza tal-UE.

Protezzjoni:

It-titjib tas-sigurtà tar-riċerka huwa importanti biex tiġi protetta l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE billi jiġi żgurat li l-għodod eżistenti jiġu infurzati b'mod sistematiku u billi jiġu identifikati u indirizzati xi diskrepanzi li jkun għad fadal. Il-miżuri li ġejjin applikaw fl-2023:

- il-valutazzjoni tas-sigurtà tal-proġetti ta' Orizzont Ewropa kienet tinvolvi l-iskrinjar ta' 118-il proposta (68 fl-2022), li minnhom 20 għaddew mill-proċedura ta' skrutinju tas-sigurtà f'kooperazzjoni mal-esperti tas-sigurtà nazzjonali;
- ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa jipprovdi l-possibbiltà li tiġi limitata l-parteċipazzjoni biex jiġu salvagwardjati l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-UE (l-Artikolu 22(5));
- f'konformità mas-Sett ta' Għodod dwar l-Indirizzar tal-Indħil Barrani fir-R&I, il-Kummissjoni organizzat eżerċizzji ta' tagħlim reċiproku dwar l-indħil barrani fir-R&I, li laqqgħu flimkien ir-rappreżentanti minn 14-il Stat Membru.

Sħubija:

Il-Kummissjoni saħħet il-kooperazzjoni fir-R&I ma':

- l-Istati Uniti, billi ġeddet il-ftehim bilaterali għall-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija;
- l-Amerka Latina u r-reġjun tal-Karibew, fejn Laqgħa bireġjonali tal-Uffiċjali Għolja tat bidu għall-iżvilupp ta' pjan direzzjonali strateġiku ġdid għall-kooperazzjoni;
- l-Unjoni Afrikana (AU) permezz tal-Aġenda għall-Innovazzjoni UA-UE biex tittrasforma l-kapaċità innovattiva tal-UE u l-UA biex trawwem impjiegi u tkabbir sostenibbli;
- l-Indja, billi waqqfet grupp ta' ħidma dwar l-enerġija nadifa u ekoloġika matul il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Indja;
- l-Alleanza għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċean Atlantiku, inklużi n-Norveġja u r-Renju Unit.

F'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta *tal-Prospettiva Strateġika UE-Ċina*, il-Kummissjoni kompliet id-diskussjonijiet dwar il-kooperazzjoni futura bejn l-UE u ċ-Ċina fir-riċerka u l-innovazzjoni.

2.3 Tranżizzjoni ekoloġika u diġitali

L-indirizzar tat-tibdil fil-klima baqa' prijorità ewlenija fl-2023, kif jidher mill-bosta attivitajiet ta' R&I tal-UE li jipprovdu l-bażi ta' evidenza biex jiġi implimentat il-Patt Ekoloġiku Ewropew:

- Il-Kummissjoni ppubblikat Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, flimkien mal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, biex tagħti spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-Ewropa u tappoġġa t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika b'azzjonijiet speċifiċi dwar ir-R&I, pereżempju dwar l-idroġenu ekoloġiku;
- ġew adottati biċċiet ġodda ta' leġiżlazzjoni tal-UE, bħar-RefuelEU Aviation, il-FuelEU Maritime, u r-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi;
- f'Jannar, il-Kummissjoni ppreżentat Patt Ġdid għall-Pollinaturi biex tappoġġa r-riċerka dwar il-pollinaturi u l-kawżi u l-konsegwenzi tat-tnaqqis tagħhom;
- f'Lulju, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal direttiva dwar il-monitoraġġ u r-reżiljenza tal-ħamrija u f'Novembru qafas ta' monitoraġġ għall-foresti Ewropej. reżiljenti, biex jiġi pprovdut għarfien aħjar dwar il-foresti Ewropej;
- ir-rwol importanti tar-R&I tal-UE fit-trawwim tal-adattament sistemiku għat-tibdil fil-klima huwa rikonoxxut fir-Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima li jakkumpanja r-Rapport ta' Progress tal-UE għall-Azzjoni Klimatika tal-2023;
- disinn imtejjeb tal-irkantijiet u kriterji għall-aġġudikazzjoni mhux tal-prezz li jappoġġaw l-innovazzjoni bħala parti mill-pjan ta' azzjoni Ewropew għall-enerġija mir-riħ;
- il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-grilji jinnota li r-R&I huma importanti biex il-grilji elettriċi jiġu aġġornati għal grilji intelliġenti, filwaqt li jsiru diġitali, jiġu mmonitorjati f'ħin reali, ikunu kontrollabbli mill-bogħod u ċibernetiċi;
- il-Komunikazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija nodfa, effiċjenti u kostkompetittivi permezz tal-kollaborazzjoni fir-riċerka dwar l-enerġija nadifa;
- l-azzjonijiet fl-ambitu tal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ekonomija ċirkolari u t-tranżizzjoni diġitali kkontribwew biex jinkisbu l-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali;

- f'Diċembru, il-Kummissjoni adottat il-pakkett "sustanza waħda, valutazzjoni waħda", li kien jinkludi tliet proposti leġiżlattivi biex tittejjeb il-bażi ta' għarfien dwar is-sustanzi kimiċi;
- l-UE espandiet l-ambitu u d-daqs tal-Fond għall-Innovazzjoni, strument ewlieni ta' finanzjament tal-UE għat-teħid tar-riżultati tar-R&I u l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u innovattivi għad-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa;
- il-proposta dwar id-dritt għat-tiswija u l-inizjattivi dwar il-mikroplastiċi, li jibnu fuq ir-riżultati tal-proġetti ta' R&I tal-UE biex tittejjeb iċ-ċirkolarità tal-prodotti u jiġi evitat it-tniġġis tal-mikroplastiċi;
- it-tielet konferenza dwar ir-Riċerka Agrikola identifikat riċerka u innovazzjoni futuri fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali;
- fl-ambitu tal-inizjattiva Food 2030, saret konferenza f'Diċembru u nħareġ rapport, li kien jiddeskrivi l-perkorsi tar-R&I biex jiġi ttrasformat l-ikel;
- il-Kummissjoni adottat il-Pakkett dwar is-Sajd u l-Oċeani, inkluż il-pjan ta' azzjoni dwar il-baħar b'tqsima li tiffoka fuq it-tisħiħ tar-riċerka u l-innovazzjoni;
- L-2023 rat l-adozzjoni tal-perkorsi ta' tranżizzjoni tas-sustanzi kimiċi, tal-kostruzzjoni u tat-tessuti, li jidentifikaw azzjonijiet speċifiċi ta' riċerka biex tiġi permessa t-tranżizzjoni ekoloġika;
- l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep daħal fis-seħħ f'Settembru 2023 bl-għan li jagħti spinta lill-kompetittività u r-reżiljenza tal-Ewropa permezz ta' attivitajiet ta' riċerka b'saħħithom fit-teknoloġija u l-applikazzjoni tas-semikondutturi;
- il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-kompetittività fit-tul tal-UE li tenfasizza r-R&I bħala wieħed mill-fatturi ewlenin għall-kompetittività fit-tul. Pereżempju, hija tissuġġerixxi inċentivi fiskali, sħubijiet pubbliċi-privati u proġetti fuq skala kbira, speċjalment fl-oqsma ewlenin tat-teknoloġija nadifa, id-diġitalizzazzjoni u l-bijoteknoloġija.

2.4 Sħubija mal-Istati Membri

Fil-bidu ta' Diċembru, kienu nkisbu 87 mis-613-il stadju importanti (madwar 14 %) relatati mar-R&I li l-Istati Membri jridu jiksbu biex jirċievu l-pagamenti korrispondenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Kienu ġew żborżati EUR 5,98 biljun lill-Istati Membri, li jirrappreżentaw madwar 12,5 % tal-appoġġ kumplessiv li ġie allokat għar-R&I (EUR 48 biljun).

Fl-2023, id-diskussjonijiet bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ġew ikkonsolidati permezz ta' djalogi msaħħa, li għandhom l-għan li joħolqu approċċi mfassla apposta għall-pajjiżi.

Barra minn hekk, l-UE pprovdiet appoġġ lill-Istati Membri biex itejbu s-sistema tar-R&I tagħhom permezz ta' implimentazzjoni konċertata tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki. Dan kien jinvolvi proġetti speċifiċi għall-Kroazja, il-Greċja u r-Rumanija u t-tnedija ta' eżerċizzji ta' tagħlim reċiproku dwar l-involviment taċ-ċittadini, il-missjonijiet ta' riċerka tal-UE, il-prospettiva, il-valorizzazzjoni tal-għarfien u d-dekarbonizzazzjoni industrijali.

Sabiex tingħata spinta lill-attraenza tal-karrieri fir-riċerka, f'Lulju l-Kummissjoni adottat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali.

Sabiex tiġi ssorveljata l-implimentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) il-ġdida, ġiet stabbilita sistema ta' monitoraġġ u rappurtar u l-ewwel "rapport fil-livell tal-UE" ta' Monitoraġġ taż-ŻER ġie ppubblikat f'Novembru.

Saru bosta jiem ta' informazzjoni mmirata f'pajjiżi li kellhom inqas suċċess fil-Parti tat-twessigħ ta' Orizzont Ewropa.

F'Awwissu, il-Kummissjoni adottat it-tielet rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka, li sar strument legali għal inizjattivi għall-infrastruttura.

2.5 Azzjonijiet diretti implimentati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni

Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) appoġġa bosta inizjattivi tal-Kummissjoni u fost ħafna attivitajiet:

- nieda l-osservatorju tal-UE, li jkopri d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti madwar id-dinja, li se jgħin biex jiġu protetti u rrestawrati l-foresti;
- nieda ċ-Ċentru Ewropew tat-Trasparenza Algoritmika, li se jappoġġa l-isforzi fir-regolamentazzjoni tas-servizzi diġitali;
- ikkontribwixxa għar-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2023, li jibni fuq ir-Rapport dwar ix-Xjenza għall-Politika rigward l-għażliet soċjali u ekonomiċi fit-tranżizzjonijiet lejn is-sostenibbiltà;
- nieda l-Atlas tal-Migrazzjoni, li jipprovdi d-*data* dwar il-migrazzjoni u jinkludi taqsima tematika dwar il-persuni li ġew spostati mill-Ukrajna wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja.

3. IMPLIMENTAZZJONI U MONITORAĠĠ TA' ORIZZONT EWROPA U TAL-EURATOM

3.1. Orizzont Ewropa fl-2023 – Punti ewlenin u karatteristiċi ġodda

F'Marzu, il-Kummissjoni emendat il-programm "ewlieni" ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-perjodu 2023-2024, biex tkompli trawwem ir-R&I għall-appoġġ tas-sigurtà ċivili għas-soċjetà u l-enerġija rinnovabbli, filwaqt li żiedet il-baġit għall-programm ta' ħidma b'madwar EUR 55 miljun għal total ta' aktar minn EUR 13,5 biljun.

Il-Kummissjoni implimentat il-kriterju ta' eliġibbiltà l-ġdid dwar il-pjanijiet għall-ugwaljanza bejn is-sessi u ħolqot Premju ġdid tal-UE għaċ-Ċampjins tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri.

Assoċjazzjoni għal Orizzont Ewropa

Fl-2023, l-għadd ta' pajjiżi assoċjati laħaq is-17. F'Jannar 2024, ir-Renju Unit sar it-18-il wieħed.

New Zealand ġiet assoċjata b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2023, u kienet l-ewwel pajjiż assoċjat lil hinn mill-viċinanza ġeografika tal-UE.

Il-mexxejja fis-Summit UE-Kanada ħabbru l-konklużjoni tan-negozjati sostantivi. Il-ftehim li jassoċja lill-Kanada ma' Orizzont Ewropa huwa mistenni li jiġi ffirmat f'nofs l-2024.

F'Novembru, il-Kummissjoni approvat il-Fehim Komuni, li ġie nnegozjat bejn l-UE u l-Iżvizzera u ppermetta taħditiet esploratorji għall-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera.

It-tnedija tan-negozjati ta' assoċjazzjoni formali mar-Repubblika tal-Korea tħabbret fis-Summit UE-Korea f'Mejju.

Id-diskussjonijiet komplew fil-livell tekniku mal-Ġappun u Singapore dwar il-prospetti għall-assoċjazzjoni ma' Orizzont Ewropa.

3.2. *Data* ta' monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa

Sejħiet u suġġetti

Sors: Id-data tas-CPS, meħuda fid-09.01.2024

Il-284 sejħa għal proposti mnedija sa tmiem l-2023 fl-ambitu tal-programmi ta' ħidma prinċipali ta' Orizzont Ewropa għall-perjodu 2021-2022 u 2023-2024 koprew total ta' 1 581 suġġett ta' riċerka b'baġit ta' EUR 25,6 biljun. Sa tmiem l-2023, 77 % ta' dawk is-sejħiet kienu ġew evalwati bis-sħiħ.

Is-suġġetti proposti kellhom l-għan li jattiraw il-proġetti ta' R&I li se jgħinu biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet tal-Kummissjoni għall-perjodu 2019-2024. Madwar 28 % tas-suġġetti ħeġġew jew kienu jeħtieġu l-kooperazzjoni internazzjonali.



Illustrazzjoni 1: Perċentwal tas-suġġetti li jindirizzaw il-prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni

Il-programm ta' ħidma tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka ħabbar erba' sejħiet għal għotjiet għar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien b'baġit totali ta' EUR 2,12 biljun. Is-sejħiet tnedew u ġew evalwati bis-sħiħ.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni fetaħ opportunitajiet ta' finanzjament b'valur ta' madwar EUR 1,6 biljun għal innovaturi rivoluzzjonarji permezz ta' tliet skemi ta' finanzjament prinċipali: il-Pathfinder tal-EIC (EUR 343 miljun), it-Tranżizzjoni tal-EIC (EUR 128 miljun) u l-Aċċelleratur tal-EIC (EUR 1,13 biljun).

Proposti għal proġetti u rati ta' suċċess

Sors: Id-dashboard tal-proposti ta' Orizzont, iffriżat fit-02.01.2024

Il-programm kompla jqajjem interess kbir b'madwar **64 000 proposta eliġibbli** li ġew ippreżentati[1] matul il-perjodu 2021-2023. Il-kwalità kumplessiva tal-proposti baqgħet stabbli, fejn nofs il-proposti eliġibbli (33 637, 52,6 %) laħqu l-livell limitu tal-punteġġ tal-evalwazzjoni u ġew ivvalutati minn esperti esterni bħala li huma ta' kwalità għolja.

Ir-rata ta' suċċess tal-proposti żdiedet għal 17,3 % (minn 15,9 % fi tmiem l-2022 u 11,9 % fl-ambitu ta' Orizzont 2020). Intgħażlu aktar minn 11 000 proposta għall-finanzjament għal total ta' EUR 32,6 biljun.

Madankollu, żewġ terzi (67,2 %) tal-proposti ta' kwalità għolja kollha għad ma għandhomx finanzjament. Kien ikun meħtieġ baġit addizzjonali ta' madwar EUR 54,4 biljun biex jiġu ffinanzjati l-proposti ta' kwalità għolja kollha li ġew ippreżentati matul il-perjodu 2021-2023.

Għotjiet iffirmati

Sors: Id-dashboard tal-proġetti ta' Orizzont, iffriżat fit-02.01.2024

Wara l-evalwazzjoni tal-proposti, ingħataw **EUR 30,8 biljun** permezz ta' **10 674 għotja**. Xi għotjiet kienu għadhom qed jitħejjew fi tmiem l-2023. Id-daqs medju tal-għotja huwa ta' EUR 2,9 miljun, li huwa ogħla minn dak fl-ambitu ta' Orizzont 2020 (EUR 1,8 miljun). Il-finanzjament medju tal-UE li ġie allokat għal għotjiet monobeneficjarji (44 % tal-

[1] Fl-ambitu tas-sejħiet li huma magħluqa u evalwati bis-sħiħ biss.

għotjiet) huwa ta' madwar EUR 1,2 miljun, meta mqabbel ma' EUR 4,2 miljun għal għotjiet kollaborattivi (56 % tal-għotjiet). Bħala medja, l-għotjiet kollaborattivi jinvolvu 11-il parteċipant.

Parti tal-programm	Proposti eliġibbli	Proposti magħżula	Rata ta' suċċess tal-proposti (% ta' dawk eliġibbli)	Kontribuzzjoni tal-UE mitluba fil-proposti magħżula (f'miljuni ta' EUR)	Għotjiet iffirmati	Kontribuzzjoni tal-UE f'għotjiet iffirmati (f'miljuni ta' EUR)	Daqs medju tal-proġett (parteċipanti)	Daqs medju tal-għotja (f'miljuni ta' EUR)
Pilastru 1 – Xjenza Eċċellenti								
Kunsill Ewropew tar-Riċerka	22 856	3 235	14,2 %	5 621	2 903	4 990	1,2	1,7
Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie	17 914	2 947	16,5 %	1 684	3 090	1 719	4	0,6
Infrastrutturi tar-riċerka	233	130	55,8 %	870	132	873	22,5	6,6
Pilastru II – Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea								
Cluster 1 Saħħa	2 012	438	21,8 %	3 469	439	3 408	15,5	7,8
Cluster 2 Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva	1 591	246	15,5 %	815	225	667	11,8	3,0
Cluster 3 Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà	650	94	14,5 %	424	100	428	16,7	4,3
Cluster 4 Diġitali, Industrija u Spazju	4 419	906	20,5 %	5 568	891	5 223	14,2	5,9
Cluster 5 Klima, Enerġija u Mobbiltà	3 834	852	22,2 %	6 704	837	6 228	16,7	7,4
Cluster 6 Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent	2 221	582	26,2 %	3 637	540	3 002	18	5,6
Pilastru III – Ewropa Innovattiva								
Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni*	5 631	843	15,0 %	1 356	830	2 165	3,2	2,6
Ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni	1 148	247	21,5 %	232	250	224	3	0,9
L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija**	21	18	85,7 %	1 173	17	913	9,7	Mhux applikabbli
Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tisħih taż-Żona Ewropea tar-Riċerka								
Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza	1 135	404	35,6 %	807	344	796	4,1	2,3
Riforma u tisħiħ tas-Sistema Ewropea tar-R&I	233	84	36,1 %	251	76	166	12,2	2,2
Total għal Orizzont Ewropa	**63 898**	**11 026**	**17,3 %**	**32 610**	**10 674**	**30 802**	**6,8**	**2,9**

Tabella 1: Il-proposti u l-għotjiet iffirmati għal kull pilastru u parti tal-programm (Sors: id-dashboards tal-proposti tar-R&I u tal-proġetti tar-R&I, iffriżati fit-02.01.2024)
**Iċ-ċifri għall-Aċċelleratur tal-EIC mhumiex kompluti (għadd ta' proposti) jew huma neqsin (kontribuzzjoni miżmuma*

tal-UE, sejħiet 2021-2022)
*** Iċ-ċifri jirreferu għall-għotjiet tal-"pakkett" lill-KKI tal-EIT biss*

Indirizzar tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE

Sors: Id-*dikjarazzjoni tal-programm Orizzont Ewropa*

Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom rwol sinifikanti fit-tħaffif tat-tranżizzjoni ekoloġika. Sa issa, iċ-ċifri preliminari ta' monitoraġġ flimkien maċ-ċifri stmati tal-2023 jindikaw kontribuzzjoni klimatika ta' Orizzont Ewropa li hija qrib il-35 % sa tmiem l-2023. Stimi preliminari *ex post* jiżvelaw li l-infiq fuq il-bijodiversità żdied minn 7,9 % fl-2021 għal 8,7 % fl-2023.

L-investimenti ta' Orizzont Ewropa fit-trasformazzjoni diġitali għall-perjodu 2021-2023 huma stmati li jammontaw sa EUR 14 053,2 miljun, jew 40 % tal-baġit ta' Orizzont Ewropa għal dawn is-snin.

Fl-2023, ġew allokati EUR 50 miljun għall-proġetti li l-objettiv prinċipali tagħhom huwa li jtejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u madwar EUR 1,7 biljun għal proġetti li jikkontribwixxu b'xi mod għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Applikanti u benefiċjarji

Sors: Id-dashboard tal-proġetti ta' Orizzont, iffriżat fit-02.01.2024

Il-proġetti ffirmati fl-ewwel tliet snin tal-programm jinvolvu madwar 21 894 parteċipant differenti minn **163 pajjiż differenti**, inklużi 34,1 % minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

Madwar 82,3 % tal-applikazzjonijiet eliġibbli li ġew ippreżentati huma mill-Istati Membri u kważi 25 % ta' dawk l-applikazzjonijiet jiġu minn pajjiżi tat-"twessigħ".

L-entitajiet li jinsabu f'pajjiżi assoċjati ppreżentaw 6,1 % tal-applikazzjonijiet u l-entitajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi ppreżentaw 11,7 % tal-applikazzjonijiet kollha, li nofshom kienu minn organizzazzjonijiet ibbażati fir-Renju Unit.

Grupp ta' pajjiżi	Applikazzjonijiet fi proposti eliġibbli	% tal-għadd totali ta' applikazzjonijiet	Rata ta' suċċess tal-applikazzjonijiet	Parteċipazzjoni f'għotjiet iffirmati	% tal-parteċipazzjonijiet kollha	Kontribuzzjoni tal-UE fl-għotjiet iffirmati (f'miljuni ta' EUR)	% tal-kontribuzzjoni totali tal-UE f'għotjiet iffirmati
Stati Membri	268 153	82,3 %	22,1 %	61 008	84,3 %	28 334	92 %
Pajjiżi mhux tat-twessigħ	*205 413*	*63,0 %*	*22,8 %*	*48 378*	*66,9 %*	*24 141*	*78,4 %*
Pajjiżi tat-twessigħ	*62 740*	*19,3 %*	*19,8 %*	*12 630*	*17,5 %*	*4 193*	*13,6 %*
Pajjiżi assoċjati	19 761	6,1 %	19,6 %	3 929	5,4 %	2 024	6,6 %
Pajjiżi Terzi	37 999	11,7 %	21,6 %	7 392	10,2 %	444	1,4 %
TOTAL	**325 913**	**100 %**	**21,9 %**	**72 329**	**100 %**	**30 802**	**100 %**

Tabella 2: Oriġini tal-applikanti

L-ogħla ishma tal-parteċipanti jiġu minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (33,5 %), entitajiet tas-settur privat (30,5 %) u organizzazzjonijiet tar-riċerka (22,5 %).

L-għadd ta' **parteċipanti ġodda** fil-programm **żdied** minn 36 % fl-2022 għal 47 %.

B'mod ġenerali, l-entitajiet li jinsabu fl-Istati Membri ngħataw EUR 28,3 biljun (92 % tal-fondi). L-entitajiet fil-pajjiżi tat-twessigħ ingħataw 13,6 % tal-fondi. L-entitajiet li jinsabu f'pajjiżi assoċjati ngħataw aktar minn EUR 2 biljun (6,6 %) u dawk f'pajjiżi terzi mhux assoċjati nghataw EUR 444 miljun (1,4 %).

L-SMEs irċevew 20,6 % tal-baġit allokat ta' Orizzont Ewropa (EUR 6,6 biljun), li minnhom EUR 5,34 biljun f'għotjiet (17 % tal-baġit tal-għotjiet allokat ta' Orizzont Ewropa) u EUR 1,26 biljun f'investimenti diretti permezz tal-Fond tal-EIC.

L-ewwel riżultati

Sors tad-data: Id-dashboard tal-Perkors Ewlieni tal-Impatt, iffriżat fit-02.01.2024

Aktar minn 59 000 riċerkatur irċevew appoġġ għall-attivitajiet ta' titjib tal-ħiliet fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa; 45 % minnhom kienu nisa. Tliet snin wara li tnieda l-programm, il-proġetti ffinanzjati (489 proġett jew 4,5 % tal-proġetti kollha li kienu għaddejjin) bdew jipproduċu r-riżultati. Sa issa l-proġetti pproduċew 2 843 pubblikazzjoni rieżaminata bejn il-pari, u 1 804 riżultati innovattivi. Kienu biss 174 proġett (1,6 %) li ngħalqu fiż-żmien ta' din l-analiżi.

Fokus fuq is-sħubijiet Ewropej

Sors tad-data: id-dashboard tal-proġetti ta' Orizzont, iffriżat fit-02.01.2024

Sa tmiem l-2023, kienu ġew stabbiliti 44 sħubija mid-49 li ġew identifikati fl-ewwel pjan strateġiku ta' Orizzont Ewropa għall-perjodu 2021-2024.

Fl-ambitu tal-**10 impriżi konġunti attivi** (sħubijiet istituzzjonalizzati bbażati fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE), ġew iffirmati 345 għotja għal total ta' **EUR 2,9 biljun** (9,5 % tal-fondi ta' Orizzont Ewropa mogħtija matul il-perjodu 2021-2023). Is-sħubijiet jinvolvu madwar 3 000 organizzazzjoni differenti, li żewġ terzi minnhom huma kumpaniji privati u 40 % huma SMEs. Ġew introdotti EUR 2,75 biljun addizzjonali mill-benefiċjarji, li jirrappreżentaw 50 % tal-investimenti tal-proġetti. F'Novembru, is-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw għas-Saħħa Globali, li tfasslet biex jiġi studjat il-mard infettiv relatat mal-faqar u dak ittraskurat, kisbet l-awtonomija.

F'dak li għandu x'jaqsam mas-**sħubijiet kofinanzjati**, ġew iffirmati ftehimiet ta' għotja ma' tmien konsorzji ta' benefiċjarji fl-ambitu tal-Pilastru II u ma' konsorzju wieħed fl-ambitu tal-Pilastru III għal total ta' EUR 680 miljun. Kienu qed jitħejjew tmien sħubijiet oħra. Is-sħab ikkontribwew bejn 50 % u 70 % tal-fondi (EUR 1,65 biljun addizzjonali) għar-R&I.

EUR 3,1 biljun minn Orizzont Ewropa (madwar 10 %) appoġġaw is-**sħubijiet koprogrammati** u s-sħab tal-proġetti introduċew **EUR 0,5 biljun** addizzjonali. Ġew iffinanzjati 460 proġett matul il-perjodu 2021-2023 li kienu jinvolvu 3 879 organizzazzjoni differenti, li terz minnhom kienu SMEs.

Fokus fuq l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)

Ir-riżultati miksuba fl-2023 kienu jinkludu:

- 1 576 persuna ggradwaw minn programmi ta' master u dottorat bit-tikketta tal-EIT;
- 72 negozju ġdid inħolqu minn studenti minn programmi tal-EIT u 97 kienu r-riżultat ta' proġetti ta' innovazzjoni tal-EIT;
- 945 negozju ġdid irċevew appoġġ mill-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tal-EIT (KKI);
- 301 prodott jew servizz innovattivi ġew introdotti fis-suq mill-KKI tal-EIT.

Fokus fuq il-missjonijiet tal-UE

Sors: il-proposti ta' Orizzont u d-dashboards tal-proġetti, iffriżati fit-02.01.2024

Valutazzjoni tal-missjonijiet tal-UE ġiet ikkompletata u rrappurtata fl-ewwel Komunikazzjoni li tanalizza l-proċess tal-għażla, il-governanza, il-baġit, il-fokus u l-progress li sar sa issa.

Sa tmiem l-2023, 36 sejħa għal missjonijiet kienu tnedew, ingħalqu u ġew evalwati bis-sħiħ. Is-sejħiet għal proposti attiraw 856 proposta eliġibbli, li minnhom 215 intgħażlu għall-finanzjament għal ammont totali ta' EUR 1,7 biljun.

Ġew iffirmati 173 għotja ta' Orizzont Ewropa li kienu jinvolvu 2 386 parteċipant għal ammont totali ta' EUR 1,43 biljun li jinqasmu[2] kif ġej fil-ħames missjonijiet:



Illustrazzjoni 2: Għotjiet għall-missjonijiet f'%

Għalkemm għadu kmieni wisq biex l-impatt tal-ħames missjonijiet immirati jiġi vvalutat bis-sħiħ, diġà jistgħu jiġu rrappurtati xi kisbiet magħżula:

- Il-Missjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima nediet il-pjattaforma ta' implimentazzjoni tagħha li tipprovdi servizzi lil 311-il reġjun u awtorità lokali. L-

[2] In-nefqa għal proġetti orizzontali jew proġetti konġunti bejn il-missjonijiet hija maqsuma b'mod ugwali bejn il-missjonijiet li għalihom jikkontribwixxu l-proġetti.

ewwel 21 proġett bdew u indirizzaw kwistjonijiet bħall-ittestjar u d-dimostrazzjoni ta' soluzzjonijiet għar-reżiljenza għall-klima.

- Sal-bidu ta' Diċembru, aktar minn 2 000 individwu u 370 organizzazzjoni kienu impenjaw ruħhom li jappoġġaw il-Missjoni "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa". 20 proposta oħra, fosthom dawk għall-ewwel laboratorji ħajjin, intgħażlu għall-finanzjament.
- Il-Missjoni Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet tagħna nediet il-Portal tas-Servizz tal-Missjonijiet. Kważi 600 azzjoni ffirmaw il-Karta tal-Missjoni.
- Il-Missjoni dwar il-Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti laħqet stadju importanti meta l-ewwel 10 bliet parteċipanti ngħataw it-Tikketta tal-Missjoni.

3.3. Analiżi fil-fond: Monitoring flashes ta' Orizzont u studji oħra

Il-Kummissjoni ppubblikat rapport u skeda informattiva dwar il-parteċipazzjoni ta' parteċipanti ġodda fil-programmi qafas ta' R&I tal-UE u skeda informattiva dwar id-*data* ta' implimentazzjoni ewlenija ta' Orizzont Ewropa għall-perjodu 2021-2022. Hija ppubblikat ukoll rapporti dwar kif il-programmi għar-R&I kkontribwew għall-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi, u għall-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima.

3.4 Disseminazzjoni u sfruttament

Il-programm kompla juża l-għodod ta' disseminazzjoni stabbiliti — il-pjattaforma tar-Riżultati tal-programm Orizzont, il-Booster tar-Riżultati tal-programm Orizzont, il-CORDIS, id-Dashboard tal-programm Orizzont u r--Radar tal-Innovazzjoni tal-UE biex jipprovdi riżultati li jistgħu jintużaw.

Dan wettaq ukoll aktar attivitajiet ta' disseminazzjoni:

- Il-Kummissjoni tat il-Premju tal-2023 għall-Innovazzjoni fis-Sigurtà, li jiċċelebra eżempji eċċellenti tar-R&I li huma ta' benefiċċju għas-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE.
- Għoxrin avveniment dwar suġġetti li jvarjaw mill-bijoterroriżmu sar-reżiljenza għad-diżastri fil-qafas tal-Komunità tar-Riċerka u l-Innovazzjoni Ewropea għas-Sigurtà laqqgħu flimkien lil dawk li jfasslu l-politika, lir-riċerkaturi, lill-industrija u lis-soċjetà ċivili għall-iskambji inkluż id-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka dwar is-sigurtà.
- Is-Sistema ta' Monitoraġġ u Informazzjoni tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tat-Trasport analizzat ir-riżultati tal-proġetti Ewropej ta' R&I fil-mobbiltà u t-trasport.
- Biex tfakkar is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, il-Kummissjoni ppubblikat il-Pakkett ta' Riżultati tal-CORDIS li juri l-ħidma ta' 13-il proġett ta' riċerka ffinanzjati fl-ambitu ta' Orizzont 2020 fit-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet.
- F'Marzu, l-Inizjattiva *Ix-Xjenza tal-Għaġeb!* ippermettiet lil 4 000 student tal-iskola mill-Ewropa kollha li jkunu involuti ma' xjentisti ewlenin.
- F'Settembru, il-Lejla Ewropea tar-Riċerkaturi saret f'26 pajjiż u attirat aktar minn 1,5 miljun viżitatur u wriet l-impatt tax-xjenza fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nies.
- F'Mejju, avveniment ta' livell għoli għalaq il-proġett *L-Ilħna taċ-Ċittadini għat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE*, li rriżulta fi pjanijiet direzzjonali nazzjonali u Ewropej li jidentifikaw azzjoni speċifika li għandha tittieħed bil-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini.

3.5 Implimentazzjoni u monitoraġġ tal-programm Euratom għall-perjodu 2021-2025

a) Azzjonijiet diretti nukleari implimentati mill-JRC

Il-JRC appoġġa r-rispons tal-Kummissjoni Ewropea għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna billi wettaq attivitajiet fil-qasam tal-monitoraġġ ambjentali tar-radjuattività, tas-sikurezza nukleari u tar-rispons għat-tħejjija f'każ ta' emerġenza.

Il-JRC ħadem mal-Aġenzija għall-Enerġija Nukleari tal-OECD u kkontribwixxa għal rapporti u studji tal-każ dwar ir-reatturi nukleari żgħar u r-rwol futur potenzjali tagħhom fid-dekarbonizzazzjoni.

Fil-qasam tal-attività tat-Terapija Alfa għat-trattament tal-kanċer, il-JRC organizza is-Simpożju Internazzjonali tat-Terapija Alfa Mmirata TAT12 b'mod konġunt mal-Università ta' Pretoria.

Bħala parti mill-attivitajiet ta' prospettiva tiegħu, il-JRC wettaq Analiżi tal-Prospettivi għas-Sikurezza u għas-Sigurtà Nukleari li ġiet ippubblikata f'rapport annwali.

Il-JRC ippubblika 111-il artikolu li ġew rieżaminati bejn il-pari f'oqsma nukleari bħas-sikurezza tal-fjuwil nukleari użat, il-materjali, l-immaniġġar ta' skart radjuattiv, l-applikazzjonijiet mediċi jew il-kejl tar-radjazzjoni ambjentali. Huwa pprovda wkoll 13-il kors ta' taħriġ lill-Istati Membri taħt il-programm taċ-Ċentru Ewropew ta' Taħriġ dwar is-Sigurtà Nukleari.

b) Azzjonijiet indiretti tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom (għotjiet)

F'Marzu, il-Kummissjoni adottat il-programm ta' ħidma tal-Euratom għall-perjodu 2023-2025, li għamel EUR 132 miljun disponibbli għar-riċerka għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-UE filwaqt li żgura l-ogħla standards ta' sikurezza. Fl-avveniment ta' tnedija, il-Kummissjoni ffirmat dikjarazzjoni dwar l-SMR tal-UE 2030:Riċerka u Innovazzjoni, Edukazzjoni u Taħriġ li ffukat fuq ir-rwol ewlieni tar-R&I, l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-iżvilupp tar-Reatturi Modulari Żgħar.

F'Awwissu, il-proġett iffinanzjat mill-Euratom, EURAMEDRocc-n-Roll, ippreżenta pjan direzzjonali strateġiku ta' riċerka għall-applikazzjonijiet mediċi tar-radjazzjoni jonizzanti għall-kura tas-saħħa aħjar u individwalizzata; wieħed mill-pedamenti tal-pjan tal-Ewropa *biex Jingħeleb il-Kanċer* u tal-Missjoni dwar il-Kanċer.

Is-sħubija kofinanzjata mill-Euratom, EUROfusion, kisbet l-għanijiet tar-riċerka tat-tielet kampanja sperimentali tagħha tad-dewterju-tritju fl-apparat Joint European Torus. L-esperimenti esploraw il-proċessi ta' fużjoni u t-tekniki ta' kontroll bi tħejjija għall-impjanti tal-enerġija mill-fużjoni futuri.

F'Settembru, il-Kummissjoni nediet sejħa għall-Premju tal-Innovazzjoni SOFT għall-2024, li kien jirrikonoxxi u juri l-innovazzjoni fir-riċerka dwar il-fużjoni u jippremja r-riċerka eċċellenti.

4. PROSPETTIVA GĦALL-2024

Fl-2024, il-Kummissjoni se tadotta l-pjan strateġiku li jmiss ta' Orizzont Ewropa għall-perjodu 2025-2027, li jidentifika l-prijoritajiet tar-R&I għat-tieni nofs ta' Orizzont Ewropa. Abbażi tiegħu se jiġi abbozzat il-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-2025.

Fl-2024, il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-missjonijiet u s-sħubijiet tal-UE u l-attivitajiet ta' R&I ta' Orizzont Ewropa. Bħala eżempju, dan se jfakkar l-40 sena minn meta tnedew il-programmi qafas ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE u r-rwol tagħhom fil-ħolqien ta' futur aktar pożittiv matul il-Jiem Ewropej tar-Riċerka u l-Innovazzjoni.